**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 71**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2024 online.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Martina Grech -Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**ASSENTI**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**71.1 Ittri ta' Apoloġiji**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-Kunsillier Carmel Cuschieri u l-Kunsillier Martina Grech talbu li jkunu skużati.

*Il-Kusnill approva l-apoloġiji.*

**71.2 Unaudited Financial Statements 2023**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lis-Segretarju Eżekuttiv tintervjeni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-informazzjoni mitluba lill-accountants tal-Kunsill intbagħtet lill-membri tal-kumitat finanzi.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li l-Kunsill għandu jmexxi bl-unaudited financial statements għaliex dan ir-rapport xorta waħda se jkun qed jiġi vverifikat mill-Awdituri tal-Gvern, iżda huwa mportanti li jinżamm track record tal-adjustments li se jintalbu mill-Awdituri.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li hu qed jissekonda l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements, minkejja l-fatt li talbu kjarifika lil-accountants li ma kienux *available*. Għaldaqstant il-Kunsill qed japprova dan ir-rapport bit-tagħrif sħiħ kif mogħti mill-accountants , iżda jekk ikun hemm ħafna *adjustments* l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Accountants tal-Kunsill.

**71.3 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li s-Segretarju Eżekuttiv tat ir-riżenja tagħha hekk kif ġiet infurmata li ħadet il-kariga ta' Assistent Direttur fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-Kunsill irid jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jidħol in Office. Infurmat li hi ddiskutiet mas-Sindku u ppreparat mozzjoni b'isem ta' persuna idonea għall-kariga, iżda s-Sindku ħass li l-mozzjoni m'għandix titressaq.

Il-membri talbu li jekk kemm-il darba ma jkunx hemm persuna idonea għall-kariga, jinħatar Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**71.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 12 ta' Marzu fis-6.00p.m.

Konfermati llum, 12 ta' Marzu 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Marilyn Baldacchino Gatt<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |